MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 221/2009/1

**Mark Schembri & Sons Limited (C-9425)**

**Vs**

**Frederick Bonello**

Il-Qorti,

Fit-30 ta' Settembru 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz ippresentat fil-15 ta' Gunju 2009 fejn ir-rikorrent talab lill Qorti tikkundanna lill-intimat tirrifondilha is-somma ta' hdax-il self, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rappresentanti hlas zejjed illi sar lill-intimat da' parte tas-socjeta rikorrenti fl-ezekuzjoni ta' xoghlijiet gewwa l-Isptar Mater Dei ikkontrattati lill-intimat mis-socjeta rikorrenti.*

*Rat l-eccezzjonijiet imressqa tal-intimat fis-16 ta' Lulju 2009 fejn huwa eccepixxa, l-ewwel u qabel kollox, illi l-azzjoni kienet preskritta bit-trapass ta' sentejn skond l-Artikolu 1027 tal-Kap 16, filwaqt illi fil-meritu, huwa sahaq illi qatt ma thallas aktar milli kien lilu dovut u ghalhekk ma kellu jirrifondi xejn.*

*Rat illi fid-19 ta' Jannar 2009, din il-Qorti, diversament ippresjeduta, cahdet l-eccezzjoni tal-preksrizzjoni biennali imqajjma mill-intimat u ordnat illi jitkomplew il-provi fuq il-meritu.*

*Rat ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Wayne Zahra****, moghtija fl-10 ta' Novembru 2009 u dokumenti minnu esebiti.*

*Rat ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Alan Zahra****, moghtija fl-10 ta' Novembru 2009.*
*Rat ix-xhieda ta'* ***Mark Schembri*** *moghtija fit-3 ta' Frar 2010 u d-dokumenti minn ppresentati.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Christopher Zahra****, chartered quantity surveyor imqabbad mis-socjeta rikorrenti, moghtija fit-3 ta' Frar 2010 u dokumenti minnu esebiti.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Mark Schembri*** *ippresentat fl-10 ta' Ottubru 2011 u dokumenti maghha annessi.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta'* ***Christopher Zahra*** *moghtija fit-2 ta' Dicembru 2011 flimkien ma' dokumenti minnu ippresentati.*

*Semghet il-kontro ezami ta'* ***Mark Schembri*** *moghtija fid 9 ta' Marzu 2012 u dokumenti ippresentati tul il-kontro ezami tieghu, partikolarment dokument ossija 'Excel Sheet' mahduma mill-istess Schembri waqt illi kien qieghed jiddiskutu x-xoghol illi kien ser jaghti lill-intimat.*

*Rat l-affidait ta'* ***Alan Zahra****,* ***Wayne Martin Zahra*** *u* ***Frederick Bonello*** *ippresentati lkoll fl 1 ta' Gunju 2012 flimkien ma' dokumentazzjoni annessa maghha u dokumentazzjoni ulterjuri ppresentata kemm mill-intimat kif ukoll mis-socjeta rikrorenti stess.*

*Semghet il-kontro ezami ta'* ***Alan Zahra*** *moghtija fil 15 ta' Ottubru 2012.*

*Semghet il-kontro ezami ta'* ***Wayne Zahra*** *moghtija fis 26 ta' Novembru 2012.*

*Semghet il-kontro ezami ta'* ***Frederick Bonello*** *moghtija fl 4 ta' Frar 2013.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 2 ta' April 2013 u dik tal-intimat ippresentat fid 19 ta' April 2013.*

*Semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-abbli difernsuri tal-partijiet*

***Ikkunsidrat***

*Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta illi s-socjeta attrici kienet hadet appalt ta' xoghlijlet gewwa l-Isptar Mater Dei, fiz-zmien illi dana kien qieghed jinbena, liema appalt kien jikkonsisti fi "Supply and installation of Vinyl Wall Covering".*

*Illi dak is-zmien, l-intimat kien impjegat mas-socjeta rikorrenti.*

*F'mument minnhom, id-direttur tas-socjeta rikorrenti, ossija Mark Schembri, avvicina lill-intimat u, wara illi qallu li kellu barranin jahdmu mieghu u li kien qed ihallashom hafna, ghamillu proposta illi hu, flimkien ma' Alan Zahra u Wayne Zahra, jieqfu milli jkunu impjegati mas-socjeta attrici u, minflok, jibdew jahdmu ghal rashom u jiehdu ix-xoghol tat-tqieghid ta' Vinyl Wall Covering huma stess.*

*Huwa sahaq illi skond kalkoli illi huwa kien ghamillu, kien ser jaqla ferm aktar minn dak li attwalment l-intimat kien qieghed jabqad mas-socjeta*

*rikorrenti bhala impjegat, u s-socjeta rikorrenti kienet ser tmur tajjeb ukoll ghax ma kienx ser jibqa jimpjega lill-barranin.*

*Illi sussegwentement, wara illi l-intimat, flimkien ma' Alan Zahra u Wayne Zahra ikkunsidraw il-proposta illi kienet giet lilhom offerta, acccettawha u Schembri ha hsieb illi jirregistralhom VAT number ghal kull wiehed minnhom sabiexx jibdew jircievu l-pagamenti taghhom.*

*Ix-xoghol beda ghaddej u Schembri kien qieghed jigri warajhom sabiex ilestu x-xoghol fiz-zmien stipulat peress illi huwa kien soggett ghal penali f'kaz li ma jlestux ix-xoghol fiz-zmien lilu moghti. Pagamenti kienu qed isiru regolarment mis-socjeta rikorrenti lit-tlett persuni, inkluz l-intimat, fuq bazi individwali u ma kien hemm ebda problemi.*

*Eventwalment, meta ix-xoghol tlesta, l-intimat mar sabiex jiehu l-ahhar pagament tieghu, u Schembri gharrfu illi kellu jivverifika l-kejl peress illi kien qieghed jara li kien hemm xi problema. Il-kejl eventwalment sar u gie nnutat illi kien hemm varjazzjoni minima fil-metragg tax-xoghol maghmul. Madanakollu, Schembri induna illi l-intimat kien thallas ferm aktar minn dak li kien dovut - anzi, kien thallas tlett darbiet aktar minn dak dovut!*

*Huwa ghalhekk sejjah lill-intimat flimkien ma' Alan Zahra u Wayne Zahra u qalilhom illi huwa kien hallashom iz-zejjed u ghalhekk kellhom iroddulu lura l-flus. Huma, naturalment, sahqu illi kienu thallsu skond kif miftiehem, u ghalhekk ma kienx hemm qbil.*

*Eventwalment saret il-kawza.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, il-kontensjoni fil-kawza odjerna ma hijiex il-metragg ta' xoghol illi l-intimat flimkien ma' Alan Zahra u Wayne Zahra kienu ghamlu, izda ir-rata illi taghha huma kienu qed jithallsu. Dana huwa dovut ghal fatt illi filwaqt li Schembri kien qieghed jishaq illi r-rata illi kellu jihallas kien ta' Lm1.20 ghal kull metru kwadru ghat-tlett persuni flimkien, l-ohrajn kienu qed jinsistu illi l-ftehim kien ta' Lm1,20 ghal kull metru kwadru ghal kull persuna. Dana jfisser illi, filwaqt illi r-rata li kien qieghed jippretendi li jhallas Schembri kienet ta' Lm0.40 kull metru kwadru ghal kull persuna, ir-rata illi l-intimat flimkien mat-tnejn l-ohra kienu qed jippretendu kienet ta' Lm1,20 kull metru kwadru ghal kull persuna.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, tenut kont ta' dina d-diskrepanza daqstant kbira fil-hlas u l-verzjonjiet opposti moghtija mill-partijiet, il-Qorti hija obbligata sabiex tevalwa d-dokumentazzjoni esebita u li kienet parti mid-diskussjonjiet qabel ma bdew ix-xoghlijiet, kif ukoll dokumentazzjoni ohra li turi l-posizzjoni illi kellu l-intimat qabel ma beda jahdem self employed.*

*Jidher, skond id-dokument esebit mill-intimat mal-affidavit u kkonfermat mir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti Mark Schembri intitolat 'Cost Analyses' (sic), Schembri kien ikkalkola li f'kaz ta' produzzjoni ta' 2.4 kmamar kull jum minn kull persuna, kull kamra titqies ta' 20 metru kwadru, u dana ghal periodu ta' hamsa u ghoxrin gurnata, kull individwu kien ser jipproduci xoghol fuq medda ta' 1,200 metru kwadru. Dana imbghad kellu jithallas bir-rata ta' Lm1.20 il-metru kwadru bir-rizultat illi fix-xahar, kull individwu kien ser idahhal Lm1,440 bhala paga 'gross', u wara t-tnaqqis ta' Taxxa u Sigurta' Socjali, kien ihalli f'idejn kull individwu Lm1,212.60.*
*Minn naha l-ohra, jidher minn dokumentazzjoni esebita mill-intimat li meta huwa kien impjegat tas-socjeta attrici, huwa kellu paga oghla u kellha l-medja tal-kugini tieghu Zahra, jigifieri medja ta' madwar LM526.58, liema paga kienet tinkludi wkoll is-sahra li kienu jaghmlu.*

*Bl-argument imressaq mill-intimat illi l-ftehim mas-socjeta rikorrenti kien illi kull persuna li tahdem kellha tithallas Lm1.20 ghal kull metru kwadru, dana kien ifisser illi ikollu f'idejh media ta' Lm1,212.60. Minn naha l-ohra, bl-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti illi l-ftehim kien attwalment li t-tlieta li huma kellhom jithallsu flimkien Lm1.20 ghal kull metur kwadru, allura l-intimat kien ser ikollu f'idu Lm404.20, jigifieri anqas minn Lm120 minn dak illi kien jaqla meta kien impjegat.*

*Illi, in vista ta' tali fatti, certament jaghmel sens l-argument imressaq mill-intimat fis-sens illi, li kieku dak kien li riedet taghmel is-socjeta rikorrenti, certament huwa qatt ma kien jaccetta illi jitlaq mill-impjieg tieghu u jirregistra lilu nniffsu bhala 'self employed' biex imbghad jithallas anqas u jkollu anqas beneficcji.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fost id-dokumentazzjoni ippresentata mis-socjeta rikorrenti, jidher illi hemm dokument redatt mill-quantity surveyor Chris Zahra, u dana kien*

*redatt qabel mas-socjeta rikorrenti inghata il-kuntratt ta' appalt ta' l-Isptar, liema dokument juri kalkoli dwar kemm kien ser jiswa ix-xoghol, liema kalkoli kienu l-istess kalkoli illi adopera Schembri meta kien qieghed jiddiksuti x-xoghol mal-intimat.*

*Jidher, izda, illi fid-diskussjonijiet maghmulha bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat, Schembri adopera il-kalkoli hemm stabbiliti u applikahom ghat-tlett persuni li kienu ser jaghmlu x-xoghol individwalment minflok ma' qasam dawn il-kalkoli bejn it-tlett persuni.*

*Ghalkemm jidher illi Schembri jista jkun illi ghamel tali zball fil-kalkoli meta huwa kien qieghed jiddiskuti l-kwistjoni mal-intimat, certament ma ghandhux ikun l-intimat illi jbaghti l-konsegwenzi ta' tali zball da' parte tieghu, jekk zball kien. Dana qieghed jinghad ghax hareg car daqs il kristall mill-provi prodotti illi, bl-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti, l-intimat kien ser jaqbad ferm anqas minn dak illi kien jaqbad meta huwa kien impjegat ta' l-istess socjeta attrici, u huwa ferm difficili li wiehed jargumenta li l-intimat kien qieghed jiftiehem biex jaqla anqas flus milli kien jaqla qabel u jissuggetta ruhu ghal aktar oneri in vista tal-VAT u Taxxa illi issa kellu jhallas huwa personalment.*

*Tali fatti certament jimmilita favur l-argument imressaq mill-intimat illi, fid-diskussjonijiet li huma kellhom, ir-rata li kienet giet diskussa u l-figuri li ssemmew sabiex jikkonvincuh jitlaq minn impjieg u jirregistra bhala 'self employed', kienu dawk ta' Lm1.20 kull metru kwadru ghal kull persuna u mhux, kif qieghda tghid is-socjeta rikorrenti, Lm1.20 kull metru kwadru bejn tlett persuni!*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti u dokumentazzjoni esebita,*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjoni tal-partijet u semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri*

*Wara illi rat li l-ewwel eccezzjoni gia giet deciza minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fid 19 ta' Jannar 2011,*

*Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-tieni eccezzjoni tal-intimat u ghalhekk*

*Tichad it-talbiet attrici*

*Spejjez tal-proceduri ikunu a karigu tas-socjeta rikorrenti."*

Illi l-appellanti s-socjeta Mark Schembri & Sons Limited appellat mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li essenzjalment jikkoncernaw l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha li wassluha sabiex taghti interpretazzjoni ta' dak pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' xoghol li inghata mis-socjeta appellanti lill-intimat u shabu Alan Zahra u Wayne Martin Zahra.

Illi l-lanzjanza tas-socjeta appellanti tikkoncerna kalkolazzjoni zbaljata li ghamlet l-Ewwel Qorti ta' dak li kellu jithallas lill-intimat ghax-xoghol ta' tqeghid ta' *vinyl* fl-isptar Mater Dei billi fil-fatt ix-xoghol kien ikopri inqas metri kwadri minn dak progettat u dana wara li l-kuntrattur Skanska naqqas il-volum tax-xoghol. Kwindi l-Ewwel Qorti, issostni l-appellant, ma setghet qatt taghmel il-kalkolazzjonijiet taghha fuq metragg ta' 14000 metru kwadru, izda dana kellu isir fuq metragg ta 6435.66 metri kwadri u cioe' ix-xoghol li effettivament sar. Inoltre id-decizjoni taghha wasslet ghal konkluzzjoni illi il-ftehim bejn is-socjeta appellanti u l-intimat kellu ikun ta' Lm1.20 ghal kull metru kwadru ghal kull persuna u mhux ta' Lm1.20 ghal kull metru kwadru li kellu jinqasam bejn it-tlett haddiema u cioe' l-intimat u l-ahwa Zahra. Dana imur kontra kull prassi ta' xoghol f'din l-industrja fejn il-hlas jigi ikkalkolat bil-metru kwadru u mhux ukoll bil-persuna lavorattiva. Dana huwa anke rifless fil-ftehim originali li kien sar meta is-socjeta appellanti kienet applikat ghat-tender tax-xoghol ta' *vinyl* ma-

socjeta Skanska. Fil-fatt fil-ftehim milhuq bejn dawn it-tlett haddiema u is-socjeta appellanti[1] il-metragg gie maqsuma bejn tlieta u cioe' kull persuna kellu xoghol ta' 4666.67 metru kwadru. Li kieku il-ftehim kien bir-rata ta' Lm1.20 ghal kull persuna kull metru kwadru, ir-rata kienet titla' ghal Lm3.60 kull metru kwadru, liema rata teccedi bil-bosta dik stabbilita mill-Quantity Surveyor.

Tilmenta inoltre s-socjeta appellanti illi l-Ewwel Qorti injorat fattur importanti u determinati li seta' jitfa dawl fuq l-interpretazzjoni moghtija lill-ftehim milhuq bejn il-partijiet illi wiehed mill-haddiema u cioe' l-appellat Frederick Bonello telaq minn fuq il-lant tax-xoghol qabel ma gie esegwiet ix-xoghol kollu u ir-rata li thallset lill-haddiema l-ohra xortawahda baqghet l-istess u cioe' Lm1.20 ghal kull metru kwadru. Li kieku ir-rata kienet ta' Lm3.60 ghal kull metru kwadru kif jippretendi l-intimat allura l-hlas kien jitla' ghal Lm1.80 ghal kull persuna u mhux baqa' dak ta' Lm1.20 kif originarjament miftiehem.

Ghaldaqstant is-socjeta appellanti qieghda tippretendi rifuzjoni minn naha ta'l-intimat tas-somma ta' €8541.07 billi huwa kellu jithallas is-somma ta' Lm1761.06 u mhux ta' Lm5500 kif effettivament thallas.

Illi l-intimat appellat iwiegeb ghal dawn il-lanjanzi billi jishaq illi l-aggravvji imressqa mis-socjeta appellanti kollha huma imsejsa fuq apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, liema apprezzament ma ghandux jigi iddisturbat leggerment minn din il-Qorti ta' revizjoni jekk mhux ghal xi raguni gravi u impellenti. Jishaq illi l-ftehim li gie milhuq mieghu u ma' shabu kien car

[1] Ara ftehim a ol98 tal-process

billi ir-rata ghal kull metru kwadru giet mifthiema ghal kull persuna separatament ghaliex li kieku kien mod iehor ma kienx ikun ta' vantagg ghalihom illi jitilqu mill-impieg taghhom ma'l-istess socjeta u jibdew jahdmu ghar rashom bhala *sub contractors* ghall-istess socjeta. Illi l-appellat jishaq illi huwa kien jithallas regolarment mill-istess socjeta minghajr problemi u qamet din id-divergenza biss meta is-socjeta appellanti giet biex thallas l-ahhar pagament. Inoltre l-intimat appellat isostni illi huwa thallas tal-metragg li effettivament hadem u mhux kif tallega is-socjeta appellanti tal-metragg kif progettat. Il-provi li hemm fl-atti kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' illi l-ftehim kien ta' rata ghal kull persuna u dana kif jixhed il-ftehim esebiet a fol.98 tal-process.

Ghandu johrog ghalhekk minn dan kollu illi l-qofol tal-kwistjoni mertu ta' dan l-appell huwa l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil ftehim jew ahjar il-*cost analysis projection* li tinsab esebieta a fol.98 tal-process li skond il-partijiet huwa il-ftehim milhuq bejniethom ghar-rigward tar-rata tal-hlas tax-xoghol u il-metragg li kellu jinhadem.

"**Meta jinsorgu diffikoltajiet jew kuntrasti fuq l-intelligenza ta' xi kondizzjoni jew patt kontrattwali, u fuq l-effetti taghha, l-ligi tipprovdi kriterji direttivi bhala mezz ta' interpetazzjoni. Fost dawn il-kriterji nsibu annoverati l-indagini dwar l-intenzjoni komuni tal-kontraenti fiz-zmien tal-konkluzjoni tal-att, il-konsiderazzjonijiet tac-cirkostanzi li fihom il-partijiet ikkonvenew, u il-motiv li ragjonevolment iddeterminahom.**

**….. Izda kif osservat fis-sentenza "Sciberras Trigona –vs- Aneico", Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si**

**deve stare alla lettera dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture". Enuncjazzjoni din li sabet kunsens fis-sentenzi fl-ismijiet "Vincenzo Angelo Bugeja –vs- Wisq. Rev. Dun Giuseppe Samut", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1952 u "John Zammit et –vs- Michael Zammit Tabone pro et noe", Appell, 28 ta' Frar 1997**

**….. Huwa minnu illi l-liberta` tal-gudizzju tal-gudikant mhiex vinkolata mill-kliem fl-ezami minnu kondott tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Izda jekk imbaghad ghalih id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx hlief ghal sens car u univoku hu dan is-sens li ghandu ifisser il-volonta expresa tal-kontraenti[2].**"

Illi ghalkemm f'dana il-kaz iktar minn konvenzjoni kontrattwali hemm analizi matematica, madanakollu hija fil-fehma ta' din il-Qorti illi analizi ta' dan id-dokument ma jistax hlief iwassal ghal konkluzjoni wahda. Mid-dicitura ta'l-istess u il-komputazzjonijiet li hemm fiha ghandu jirrizulta car illi dina il-progetazzjoni kienet qed issir ghax-xoghol ta' bniedem wiehed biss u mhux ta' tlieta f'daqqa. F'din il-progetazzjoni hemm indikat illi bniedem wiehed kellu jaghmel xoghol ta' 2.4 kmamar kull jum u cioe' 20 metru kwadru ghal kull kamra. Ghalhekk fuq medda ta' xahar u cioe' 25 jum ta' xoghol, haddiem wiehed kellu ikopri metragg ta' 1200 metru kwadru u dana bir-rata ta' Lm1.20 ghal kull metru kwadru biex b'hekk qabel ma titnaqqas it-taxxa u il-bolla kien ser ikollu dhul ta' Lm1440 ghal kull xahar. Billi dina il-kalkolkazzjoni tidher li kienet qed issir ghal metragg ta' 14000 metru kwadru jidher illi kull haddiem kellu ikopri metragg ta' 4666.67 metru kwadru u ghalhekk kif rifless fl-ahhar tal-komputazzjoni ix-xoghol kellu isir fi zmien 97 jum. Gara li effettivament l-metragg ta' xogol li inhadem kien ferm inqas mill-4666.67 metri kwadri progettat ghal kull persuna izda inhadem b'kollox 6435.66 metri kwadri u

---

[2] Andrew u martu Rose Pace vs Unscheduled Bus Service – App. Inf (PS) deciza 12 ta' Dicembru 2003.

ghalhekk is-somma li kellha tithallas kellu ikun ferm inqas minn dak li kien gie ipprogettat inizjalment. Illi mill-atti johrog illi l-appellat u shabu bdew jaghmlu ix-xoghol ta’ tqeghid flimkien u cioe’ mhux separatament u ghalhekk is-socjeta appellanti bdiet teffettwa il-hlas ta’ Lm1.20 lil kull persuna. Jidher illi lejn l-ahhar tax-xogholijiet l-appellat Frederick Bonello kellu jabbanduna il-lant tax-xoghol u kien hawnhekk illi Mark Schembri rapprezentant tas-socjeta appellanti induna bl-izball li kien qed isir meta kien qed jigi affetwat il-pagament u informa lill-appellat b’dan li minn naha tieghu beda jinsisti illi ir-rata ta’ Lm1.20 kienet miftiehma ghal kull haddiem u mhux biss ghal kull metru kwadru.

Illi l-appellat isostni illi meta sar il-ftehim originali abbazi tad-Dokument AZ1 saret komparazzjoni mal-paga li kien qed jircevi bhala impjegat mas-socjeta appellanti biex jara jekk kienx jaqbillu jaghmel dak propost lilu minn Mark Schembri. Ighid illi fil-fatt saret kalkolazzjoni fejn gie stabbilit illi huwa kien jircevi bhala paga medja fix-xahar madwar Lm530 u mill-progetazzjoni li kienet qed issir kien irrizulta illi fil-fatt kien ser jaqbad Lm1440 fix-xahar. Kien ghalhekk li accetta il-proposta maghmula lilu minn Schembri. Li qed jigi sorvolat madanakollu mill-appellat huwa illi dina il-progetazzjoni kienet saret ghal metragg ta’ 14000 metru kwadru u mhux ghal kemm efettivament spicca inhadem bhala xoghol li kif diga inghad kien ferm inqas. Dana il-fattur ma giex ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti kif fil-fatt gustament tirrileva is-socjeta appellanti fl-aggravvji sollevata minnha. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti ir-rata stabbilita fid-dokument AZ1 hija cara u ma hemmx lok ghal interpretazzjoni billi huwa car illi il-hlas li kellu isir kien ta’ Lm1.20 ghal kull metru kwadru mahdum. Illi ma

hemmx dubbju illi l-hlasijiet li kienu qed isiru mis-socjeta appellanti kienu ferm iktar minn dak indikat fid-dokument AZ1.

Illi mill-affidavits pprezentati mill-appellat u shabu ghandu jirrizulta minghajr dubbju illi meta sar il-ftehim originali il-partijiet kollha kienu strahu fuq il-*cost analysis* esebiet bhala Dokument AZ1. Huwa car ghalhekk illi dan kien il-bazi tal-ftehim. Il-Qorti temmen illi l-izball sar minhabba il-fatt illi x-xoghol li spicca inhadem kien ferm inqas minn dak ipprogettat izda l-hlas baqa' isir abbazi ta'l-ammont finali indikat fl-istess *cost analysis* li huwa hlas ghal xoghol ta' 14000 metru kwadru. Sfortunatament hadd mill-partijiet ma irrealizza illi l-hlas baqa' isir abbazi ta' din il-progetazzjoni u meta fl-ahhar saru l-kalkolazzjonijiet tax-xoghol li inhadem irrizulta minn hawn illi sar l-*overpayment*.

Ghal dawn il-motivi l-aggravvji tas-socjeta appellanti huma pjenament iggustifikati billi l-interpretazzjoni ghal ftehim milhuq huwa wiehed u cioe' illi l-hlas li kellu isir kellu ikun ta' Lm1.20 ghal kull metru kwadru.

Illi il-Qorti hija tal-fehma illi sar zball genwin bejn il-partijiet u mhux minhabba xi ingann minn xi parti u kwindi fl-interess tal-gustizzja l-ispejjez kollha ghal dawn il-proceduri kif ukoll ghal proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru intavolat ghandhom jinqassmu b'mod ugwali bejn il-partijiet .

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tilqa’ l-aggravvji sollevati mis-socjeta appellanti, tirrevoka is-sentenza appellata u tikkundanna lill-appellat Frederick Bonello ihallas lis-socjeta appellanti s-somma ta’ tmint elef hames mija u wiehed u erbghin ewro u sebgha centezmi (€8541.07) bl-imghaxijiet dekoribbli fuq din is-somma mid-data ta’ llum.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll ta’ dawk quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll ta’l-ittra ufficjali u tal-mandat ta’ sekwestru ghandhom jinqassmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------